# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-27 ta' Gunju, 2018.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**Rikors Numru 294/2018**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru**
**Numru 500/18**
**fl-ismijiet:**

***Unique Turnkey Limited* (C – 37841) gia`**
***Unique Construction & Developers Limited***

**vs.**

***Prime Care Limited* (C – 59123)**

Il-Qorti,

1. Illi l-procedura inizjata permezz tar-rikors promotur datat it-2 t'April, 2018, hi wahda naxxenti mill-artiklu 836(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12), li l-ghan ewlieni taghha hu t-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju indikat fl-okkju;

2. Illi s-socjeta` hawn rikorrenti, il-*Prime Care Limited* qed tibbaza t-talbiet taghha ghall-kontro-mandat *de quo* fuq l-artiklu 836(1) (a) (c) (d) u (f) tal-Kap 12, (ara foll 1);

Ikkunsidrat:

3. Illi fid-dawl tal-artiklu fuq citat jirrizulta li l-ezami li necessarjament ghandu jsir hu biss dak *in prima facie stante* li l-mertu veru u proprju jrid jigi investigat fil-kawza proprja inizjata fir-rigward;

4. Illi ovvjament tali procedura tikkonsisti f'limitazzjoni sinifikanti li jillimitaw l-agir tal-qorti odjerna ghall-analizi preliminari billi l-mertu proprju jrid jigi ezaminat fil-kawza proprja istitwita bejn l-istess kontendenti;

Ikkunsidrat:

5. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-provediment tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet ***Peak Ogilvy & Mather Limited* vs. *The Jazz Cave (JC) Limited***, datata s-**7 ta' Lulju, 2017**, li irriteniet is-segwenti:

> "Illi l-ezami li trid taghmel il-qorti *ai termini* ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi hu wkoll wiehed *prima facie*. Ezami *prima facie* hu wiehed preliminari, mhux fil-fond u hu bbazat fuq dak li jirrizulta mad-daqqa ta' ghajn";

Ikkunsidrat:

6. Illi f'dan l-istadju jigu issa determinati s-sub-artikli tal-artiklu 836 tal-Kap 12 fuq riferiti, (ara paragrafu numru tnejn, (2.), aktar qabel):

**A. L-Artiklu 836(1)(a) tal-Kap 12:**

7. Illi essenzjalment dan is-sub-artiklu jittratta l-kaz meta l-att kawtelatorju ma jkunx aktar fis-sehh;

8. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-provediment tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet ***Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited* vs. *Market Handle Limited et***, datata **t-23 ta' Dicembru, 2011**, li rriteniet is-segwenti:

> "Din id-dispozizzjoni hi marbuta mal-fatt li kull mandat kawtelatorju jrid ikun segwit minn azzjoni li titlob decizjoni fil-mertu dwar il-jedd pretiz imhares b'dak il-mandat. Jekk min johrog mandat jonqos li jressaq l-azzjoni mehtiega fiz-zmien moghti mill-ligi, il-mandat jaqa' hekk kif jghaddi dak iz-zmien. Din hi, normalment, l-unika wahda mis-sitt ragunijiet mahsubin fl-artikolu 836(1) fejn il-qorti tista' tilqa' t-talba ghat-thassir tal-mandat b'semplici kostatazzjoni mill-atti, ghaliex kulma jkun irid isir hu li qorti tara jekk tkunx tressqet il-kawza jew le";

9. Illi minn ezami tad-dokumentazzjoni *in atti* jirrizulta assodat li l-kawza konnessa mal-mandat in dizamina giet effettivament intavolat fis-27 ta' Marzu, 2018, fejn permezz tal-istess, is-socjeta` intimata fil-procedura hawn in dizamina qed titlob ix-xoljiment tan-negozju li kien sar bejn il-kontendenti billi dan in-negozju allegatament sar bi frodi, (ara foll 447);

10. Illi in vista tal-premess din it-talba kif kontenuta fir-rikors promotur hawn in dizamina m'ghandiex tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

## B. L-Artiklu 836(1)(c) tal-Kap 12:

11. Illi essenzjalment dan is-sub-artiklu jistipula li ghandu jinhareg il-kontro-mandat mitlub meta jkun hemm l-ezistenza ta' garanzija xierqa ohra biex taghmel tajjeb ghall-pretensjoni ta' minn ikun talab u ottjena l-att kawtelatorju in kwistjoni;

12. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-provediment tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Joseph Tabone vs. *Capece Construction Limited***, datata l-**14 t'Awwissu, 2013**, li irriteniet is-segwenti:

> "Illi biex jista' jinghad li tezisti garanzija xierqa ohra li taghmel tajjeb ghall-pretensjoni ta' min talab il-hrug tal-mandat ghall-finijiet tal-artiklu 836(1)(c) tal-(Kap 12), irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi hdan l-istess persuna ezekutata, u dan, generalment, minn stharrig tal-gid li hi jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hi kostitwita "bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna ezekutata minn terza persuna ma jammontax bhala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat ezekutat iehor. Izda, min-naha l-ohra, l-biza' li l-gid alternativ li jitressaq bhala garanzija jista' jintuza mid-debitur ezekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni ohra m'ghandhiex, wahedha, sservi biex tirrendi dak il-gid bhala mhux xieraq bhala garanzija alternativa ghall-pretensjoni tal-ezekutant. Wara kollox, il-qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternativa xierqa biex ma jaghmel xejn dwar dak il-gid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-sahha ta' dik il-garanzija;
>
> "Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piz tal-prova li jezisti gid iehor li jista' jaghmel tajjeb ghall-pretenzjonijiet tal-intimat ezekutant jaqa' biss fuq il-parti ezekutata rikorrenti. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun wahda soda, cara u realizzabbli lill-ezekutant";

13. Illi s-socjeta` rikorrenti fil-procedura odjerna issosstni li l-proprjeta` *Medina Home* ta' Labour *Avenue*, ir-Rabat, Malta, tammonta ghal garanzija xierqa ghall-pretensjonijiet tas-socjeta` hawn intimata, (ara foll 5);

14.0. Illi minkejja tali affermazzjoni unilaterali tas-socjeta` rikorrenti, din il-qorti hi tal-fehma li effettivament dan mhux il-kaz *stante* li:

14.1. Ma ingiebet l-ebda prova rigwardanti it-titolu li s-socjeta` hawn rikorrenti jista' jkollha fuq l-imsemmija proprjeta`;

14.2. Ma ingiebet l-ebda prova fir-rigward tal-fatt li din l-istess proprjeta` mhix isservi ta' garanzija ghal dejn iehor li l-istess socjeta` hawn rikorrenti jista' jkollha ma terzi;

15. Illi ghalhekk ukoll din it-talba kif kontenuta fir-rikors promotur hawn in dizamina m'ghandiex tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

**C. L-Artiklu 836(1)(d) tal-Kap 12:**

16. Illi essenzjalment dan is-sub-artiklu jistipula li l-mandat de quo jista` jigi revokat jekk jirrizulta li l-ammont mitlub fil-mandat in dizamina ma jkunx *prima facie* gustifikat jew ikun eccessiv;

17. Illi jirrizulta li l-kontendenti ma jaqblux fuq il-bilanc dovut, (ara foll 4 u foll 304);

18. Illi jigi osservat li jekk il-qorti odjerna kellha tezamina kemm kellu jkun dan l-ammont dovut mis-socjeta` hawn rikorrenti lil dik hawn intimata dan l-ezercizzju effettivament jimplika ezami *funditus* tal-vertenza ezistenti u b'hekk, il-procedura ma tibqax fil-limiti statutorji tal-*prima facie* kif statutorjament impost;

19. Illi ghalhekk wiehed m'ghandu qatt jippretendi li biex jigi agevolat hu, l-qorti ghandha tigi imqeghda f'posizzjoni fejn hi stess tkun qed tistraripa l-limiti legali processwali imposta mill-ligi;

20. Illi kif intqal aktar qabel, dan hu analizi li jikkonfronta l-mertu tal-vertenza – haga li din il-qorti hi statutorjament kostretta li tevita, (ara paragrafu numru hamsa, (5.), aktar qabel);

21. Illi ghalhekk jigi sottolineat li l-qorti odjerna ma tistax semplicistikament tiskarta bhala eccessiv l-ammont mitlub mis-

socjeta` hawn intimata u minflok taccetta li tistrieh fuq l-ammont indikat mis-socjeta` hawn rikorrenti;

22. Illi fid-dawl tas-suespost din it-talba kif kontenuta fir-rikors promotur hawn in dizamina m'ghandiex tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

**D. L-Artiklu 836(1)(f) tal-Kap 12:**

23. Illi essenzjalment dan is-sub-artiklu jistipula li l-mandat *de quo* jista' jigi revokat jekk ma jkunx ragonevoli jew mhux mehtieg aktar;

24. Illi fil-fatt dan is-sub-artiklu jikkonsisti fi klawsola generika li tikkomprendi fiha nnifisha termini aktar ampji mis-sub-artikli li jippreceduha;

25. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-provediment tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **L-Avukat Adrian Delia *nomine* vs. *European Insurance Group Limited*** li irriteniet is-segwenti:

> "... taht dan is-subinciz, Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju hu soggett ghar-revoka fejn:
>
> "i. Cirkostanzi ma jkunux ragonevoli;
>
> "ii. L-Mandat ma jkunx aktar neccessarju; jew
>
> "iii. Mhuwiex aktar gustifikabbli;

26. Illi l-istess sub-artiklu jirrizulta mfisser b'aktar kjarezza fil-provediment tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Rita Agius vs. Nutar Joseph Vassallo Agius**, datat iz-**19 ta' Settembru, 2013**, li irriteniet is-segwenti:

> "Allura, fil-fehma ta' din il-qorti, il-kwistjoni ta' jekk hux ragonevoli li mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk hu mehtieg jew gustifikabbli li tali mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet tal-intimati ezekutanti;

> "Illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti), fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-mandat issa m'ghadux il-kaz";

27. Illi minn ezami tad-dokument u wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet din il-qorti ma ssibx li s-socjeta` hawn rikorrenti ipprezentat xi raguni tajba biex, fuq l-iskorta tal-istess, tkun tista tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in dizamina fuq il-bazi tal-kawzali hawn in dizamina;

28. Illi konsegwentement anke din it-talba kif kontenuta fir-rikors promotur hawn in dizamina m'ghandiex tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

29. Illi oltre s-suespost, is-socjeta` hawn rikorrenti talbet ukoll li s-socjeta` hawn intimata tkun ikkundannata thallas il-penali li din il-qorti jidhrilha xieraq, (ara foll 7);

30. Illi f'dan ir-rigward taghmel referenza ghall-provediment tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Steven Pace *et* vs. Paul Said *et***, datat it-**22 t'Awwissu 2013**, li sosstniet is-segwenti:

> "Illi <u>dwar il-kwistjoni tal-impozizzjoni tal-penali</u>, irid jinghad li din hi sanzjoni fakoltativa. Il-qorti, fid-diskrezzjoni taghha, <u>tista'</u> taqbel li tghabbi lil min ikun hareg mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hi fakultativa, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mill-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mil-ligi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi, izda bizzejjed jekk tirrizulta wahda minnhom

biex il-qorti tista' taccetta li tqis it-talba ghall-kundanna tal-hlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-qorti hi tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-qorti tista' biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artiklolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hi wahda ta' ordni pubblika immirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati Kawtelatorji jintuza b'abbuz";

Ikkunsidrat:

31. Illi minn ezami tac-cirkostanzi kollha in dizamina ma jirrizultax li l-mandat ta' sekwestru li ta bidu ghal din il-procedura inhareg b'malizzja, jew li kien frivolu u vessatorju;

32. Illi jigi sottolineat ukoll li l-mandat l-iehor li ghalih taghmel referenza l-istess socjeta` hawn rikorrenti, (ara foll 6), hu mandat fejn il-partijiet huma differenti minn dawk hawn identifikati;

33. Illi konsegwentement, anke din it-talba ghall-imposizzjoni ta' penali fuq is-socjeta` hawn intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

34.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li s-ocjeta` hawn rikorrenti m'ipprovatx it-talbiet taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

34.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` hawn rikorrenti;

34.2. Takkolji t-talbiet tas-socjeta` hawn intimata;

34.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` hawn rikorrenti *Prime Care Limited*.

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**